**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-3 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-t-Tlieta, 28 ta' Mejju 2015 fis-6:25 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**03/01 Talba**

**03/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.25 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**03/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 73**

**03/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**03/03 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 2**

**03/03/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**03/04 Punti mtella' mill-Minuti 2**

**03/04/01** **Para 02/05/01:** Il-Kunsill rċieva l-kwotazzjoni għall-bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra u kien hemm qbil unanimu li ssir applikazzjoni mal-Enemalta.

**03/04/02** **Para 02/05/02:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozza fi Triq Fidel Zarb inbidlet.

**03/04/03** **Para 02/05/03:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-mera fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq tal-Ferħa nbidlet.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/04/04** **Para 02/05/04:** Il-Kunsill innota r-risposta minn TM rigward Triq l-Oratorju fejn ġejna nfurmati li mhux possibbli li jsir parkeġġ ta' vetturi fuq iz-zewg nahat tat-triq peress li l-wisa tat-triq ma jippermettix dan. Fic-cirkustanzi l-Kunsill qabel li jimplimenta d-decizjoni li kienet ittiehed fil-Kunsill preċedenti fis-sens li issir linja safra halli filwaqt li karrozzi ikunu jistghu jieqfu ghal ftit hin ma jkunx hemm ipparkjar ta' vetturi fit-tul. Dan l-arrangament diġà qed jiġi regolat permezz tat-tabelli u prattikament ghalhekk mhux ser jinbidel xejn imma sempliċiment ser ikun hemm aktar visibilita' ghas-sewwieqa.

**03/04/05** **Para 02/05/05:** Il-Kunsill ġie nfurmat li mhux ser tinbidel linja bajda għal linja safra fi Triq San Ġwann ghaliex it-talba li saret mhux gustifikata.

**03/04/06** **Para 02/05/06:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-linja safra fi Triq Stiefnu Zerafa ġiet imtawwla.

**03/04/07** **Para 02/05/07:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bankina fi Triq Caravaggio ġiet rranġata.

**03/04/08** **Para 02/06/10:** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-*traffic hump* fi Triq Naxxar twaħħlet.

**03/04/09** **Para 02/06/12:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għat-tberik tal-annimali u ppreżenta trophy li ġie mogħti lill-Kunsill.

**03/04/10** **Para 02/06/13:** Ġie deċiż li ssir talba għal UIF biex jiġi rranġat il-Ġnien ta' Żagħruna. Għandha tinħareġ sejħa għal servizzi ta' Perit. Meta jintghazel il-Perit jintalab jipprepara din l-applikazzjoni.

**03/04/11** **Para 02/06/14**: L-Agent S.E.intalab jiċċekkja l-ftehim li kien iffirma l-Kunsill mal-KMS halli jara x'inhu obbligat ihallas il-Kunsill. Hu ser jara ukoll jekk id-DLG hux ser ihallsu parti mis-somma mitluba.

**03/04/12** **Para 02/06/15:** Saret zjara fil-Librerija Pubblika mis-Sindku u l-Kunsillier Mark Azzopardi biex tiġi stabbilita lista ta' kotba li ser jinxtraw skont Memo 10/2015.

**03/04/13** **Para 02/06/17:** Il-Kunsill ġie nfurmat li tħassret il-laqgħa mal-MEUSAC li kellha ssir fid-29 ta' Mejju 2015.

**03/04/14** **Para 02/06/20:** Kien hemm qbil biex ma jsirux bollards tal-concrete biex tinghalaq Triq San Brinkat peress li dawn ser iwaqqfu l-aċċess għall-bdiewa u mhemmx possibbiltà li dawn jiddawwlu. Minflok ġie deċiż li jsiru tabelli fuq iz-zewg nahat tat-triq biex javżaw li jista' jkun hemm *"falling rocks"*.

**03/04/15** **Para 02/07/01:** Kien hemm qbil li f'Lulju issir sejha sabiex jinhatar Ambaxxatur taz-Zghazagh ġdid peress li dik preżenti ser tagħlaq it-18-il sena.

**03/05** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**03/05/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Kien hemm qbil ukoll li jigu approvati l-lista tal-*petty cash*. Gie deċiż ukoll li xiri ta' affarijiet mill-hanut tal-merca jibdew jithallsu kif jinxtraw.

**03/06** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**03/06/01** 18115095228813 Ġiet innutata talba biex titwaħħal mera fi Triq Santa Katerina u vlegga li turi id-direzzjoni. Ġie deċiż li l-ewwel issir żjara fuq il-post halli nifhmu eżatt x'hemm bzonn.

**03/06/02** 18115066228955 Talba biex titwaħħal vetturi tqal ma jithallewx jidhlu fi Triq il-Ġnien. Ġie innuatat li dawn it-tabelli diġà jeżistu.

**03/06/03** Ġie deċiż li titkabbar kaxxa safra quddiem garage fi Triq Stiefnu Zerafa peress li din hija żgħira filwaqt li kaxxa bajda issir *MC bay*.

**03/06/04** Kien hemm diskussjoni biex fi Triq Emm. Perren il-parkeġġ isir *fishbone* u Triq l-Excelsior issir *One Way*. Ġie deċiż li din terġa' tiġi diskussa f'laqgħa oħra però qabel Triq Excelsior issir *one way* ghandhom jiġu ikkonsultati r-residenti li joqghodu f'din it-triq.

**03/06/05** Ġie deċiż li jsir *double yellow line* ta' madwar metru quddiem bieb ta' residenza fi Triq il-Kbira peress li r-residenta qed ikollha problemi biex taċċessa r-residenza taghha

.

**03/06/06** Gie deċiż li quddiem il-Kappella ta' San Nikola jerga jsiru *double yellow line* ta' tul ta' madwar metru peress li xi residenti qed ikollhom problema biex jidhlu fil-Kappella.

**03/07** ***Korrispondenza***

**03/07/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA. Ġie deċiż li jekk l-applikazzjoni 1007/15 hija ODZ, il-Kunsill għandu joġġezzjona.

**03/07/02** Ġiet innutata kwotazzjoni għal bozza ġdida għal Sqaq il-Ħofra b'ammont ta' 265.93 Ewro.

**03/07/03** Ġiet innuata talba għall-informazzjoni dwar użu ta' pestiċidi.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/07/04** Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Battlefront Group għal-laqgħa mal-Kunsill. Ġie deċiż li jiltaqgħu magħhom is-Sindku u l-Kunsillier Christopher Fenech.

**03/07/05** Kien hemm diskussjoni fuq Memo 11/2015, skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi. Ġie deċiż li napplikaw ghar-restawr tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Għandha ssir laqgħa mal-Kappillan u fejn nitolbu li niġu provduti bi stima tax-xogħol mill-Perit tal-Kappillan.

**03/07/06** Ġiet innuata problema li l-Kuntrattur, Road Servicing Ltd ghandu mal-WSC rigward ir-rati tal-ħlas għax-xogħol biex jitqieghed main ġdid tal-ilma fi Triq Fra Dumink Mifsud.

**03/07/07** Il-Kunsill innuata rapport mill-GreenMT rigward ġbir ta' skart reċiklat fil-Għargħur.

**03/07/08** Ġiet innuata risposta mill-*Customer Care* tal-MEPA fejn ġie kkonfermat li vetturi kbar ma jistgħux jitħallew barra u fl-ghelieqi matul il-lejl.

**03/07/09** Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha ssir pubblikazzjoni ta' informazzjoni mill-EU rigward entitajiet li bbenifikaw minn fondi tal-Ewropa fejn il-Kunsill ta' Ħal Għargħur ser ikun inkluż.

**03/07/10** Għandu jsir *network meeting* tal-LEAP Project.

**03/07/11** Talba biex jsiru *double yellow lines* fi Triq il-Kbira. Għandha issir *site visit*.

**03/08 Materji oħra u mistoqsijiet**

**03/08/01** Kien hemm diskussjoni rigward ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla sabiex timtela l-vakanza ta' skrivan *part-time* mal-Kunsill. Ġie deċiż li tintgħażel il-kandidata Ylenia Calleja li gabel l-akbar numru ta' punti.

**03/08/02** Kien hemm diskussjoni rigward is-sejha ta' servizzi ta' knis u qtugħ ta' ħaxix. Ġie deċiż li jsir aktar studju dwar l-*ispecific conditions* tas-sejha ghall-offerti. Din ser tiġi diskussa aktar fl-laqgħa oħra. Sadanittant ghandna nitolbu l-permess tad-DLG sabiex il-kuntratt eżistenti li jaghlaq dan ix-xahar jiġġedded bi ftit sakemm jinghalaq il-process tas-sejha ghall-offerti.

**03/08/03** Ġie deċiż il-tinħareġ is-sejha ta' Perit, ghal servizz ta' accountant u ghall-provvista ta' poloz tal-assigurazzjoni. Sadanittant l-Agent S.E. intalab jara r-Regolament Finanzjarji u jiddetermina jekk nistghux inġeddu l-Poloz tal-Assigurazzjoni eżistenti jew inkella hemmx bżonn li tinhareg sejha ġdida.

**03/08/04** Ġie deċiż li jinħareġ fuljett A4 għal Jum il-Għargħur fix-xahar ta' Ġunju.

**03/08/05** Kien hemm diskussjoni fuq l-attivitajiet tas-Sotto Kumitati. Dawn jinkludu attività għaż-żgħażagħ fit-Top of the World, ohra ta' *water games* għat-tfal, ħarġa għall-anzjani u attività għall-Jum il-Għargħur. Aktar dettalji jiġu diskussi fil-laqghat li gejjin.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/08/06** Il-Kunsill ġie nfurmat li tul ix-xahar ta' Mejju saru diversi laqgħat inklużi waħda mal-ELC u oħra mad-Direttur Ġenerali tal-*Works Division*. Saret laqgħa wkoll mas-Sur Attard tal-Green MT fejn ġejna assikurati li l-Kunsill ser jirċievi l-ammont pendenti u dovut lill-Kunsill u anke 400 pakkett boroż griżi kull xahar.

**03/08/07** Bini ta' bankina fi Triq Mons Luigi Catania. Dan ix-xoghol ilu pendenti hafna mal-Works Department. Gie deċiż li jekk dan ix-xoghol ma jsirx matul Gunju l-Kunsill jikkunsidra li jqabbad kuntrattur privat.

**03/08/08** Ġie deċiż li tinġabar stima għal xogħol ta' *welding* etc fuq il-ħadid ta' Ġnien il-Paċi.

**03/08/09** Ġie deċiż li jinbidlu erbgħa tabelli fi Triq in-Naxxar u Triq Santa Katerina li huma antiki jew għandhom ħsara kbira.

**03/08/10** Għandha ssir ħarġa kulturali għall-Parlament il-ġdid fit-23 ta' Ġunju 2015.

**03/08/11** Fis-26 ta' Ġunju 2015 għandha ssir il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann fejn ser ikkantaw il-kor tat-tfal u hemm bżonn li jinkrew xi kostumi. Ġie kkonfermat li r-Reġjun tat-Tramuntana ser jipprovdu servizz ta' wardens.

**03/08/12** L-Agent S.E. intalab isegwi mal-Accountant tal-Kunsill il-*Quarterly Financial Report* ghat-tlett xhur li ghalqu fil-31 ta' Marzu 2015.

**03/08/13** Is-Sindku informa li dalwaqt ser jibda x-xoghol sabiex Sqaq il-Mahruq jinkesa bil-konkos. Il-Perit tal-Kunsill intalab jiċċekkja mad-Dipt tal-Artijiet jekk parti mill-isqaq hiex propjeta' pubblika jew privata.

**03/09** **Aġġornament**

**03/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.05 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 p.m.

**Giljan Aquilina** — **Sindku**

**Kurt Guillaumier** — **Aġent Segretarju Eżekuttiv**